31997L0080

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 97/80/KE
tal-15 ta' Diċembru 1997
dwar il-piż tal-prova f'każijiet ta' diskriminazzjoni bbażati fuq is-sess

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-politika soċjali anness mal-Protokoll (Nru 14) dwar il-politika soċjali anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Waqt li jaġixxi, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189ċ tat-Trattat, f'koperazzjoni mal-Parlament Ewropew [3],

(1) Billi, fuq il-bażi tal-Protokoll dwar il-politika soċjali anness mat-Trattat, l-Istati Membri, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri"), waqt li jixtiequ jimplementaw il-Karta Soċjali ta' l-1989, ikkonkludew Ftehim dwar il-politika soċjali;

(2) Billi l-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fondamentali tal-Ħaddiema tirrikonoxxi l-importanza li tiġġieled kull forma ta' diskriminazzjoni, inkluża diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, kulur, razza, opinjonijiet u twemmin;

(3) Billi l-paragrafu 16 tal-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fondamentali tal-Ħaddiema dwar it-trattament ugwali għall-irgiel u n-nisa, tipprovdi, *inter alia*, li l-azzjoni għandha tiġi intensifikata biex tassigura l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza għalirġiel u nisa fir-rigward, b'mod partikolari, ta' aċċess għall-impjieg, remunerazzjoni, kondizzjonijiet tax-xogħol, protezzjoni soċjali, edukazzjoni, formazzjoni professjonali u żvilupp fil-karriera;

(4) Billi, skond l-Artikolu 3(2) tal Ftehim dwar il-politika soċjali, il-Kummissjoni kkonsultat ma' l-amministrazzjoni u x-xogħol f'livell Komunitarju dwar id-direzzjoni possibli ta' azzjoni Komunitarja fuq il-piż tal-prova f' każijiet ta' diskriminazzjoni bbażata fuq sess;

(5) Billi l-Kummissjoni, waqt li tirrakkomanda l-azzjoni Komunitarja wara din il-konsultazzjoni, għal darba oħra kkonsultat ma' l-amministrazzjoni u l-ħaddiema dwar il-kontenut tal-proposta kkontemplata skond l-Artikolu 3(3) ta' l-istess Ftehim; billi ta' l-aħħar bagħtu l-opinjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni;

(6) Billi, wara t-tieni konsultazzjoni, la l-amministrazzjoni u lanqas ix-xogħol ma infurmaw lill-Kummissjoni bix-xewqa tagħhom li jibdew il-proċess — li possibilment iwassal għall-ftehim — previst fl-Artikolu 4 ta' l-istess Ftehim;

(7) Billi, skond l-Artikolu 1 tal-Ftehim, il-Komunità u l-Istati Membri qiegħdu bħala l-objettiv tagħhom, *interalia*, it-titjib fil-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol; billi implementazzjoni effettiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali għal irġiel u nisa kienet tikkontribwixxi biex tintlaħaq dik il-mira;

(8) Billi l-prinċipju ta' trattament ugwali ġie ddikjarat fl-Artikolu 119 tat-Trattat, fid-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE ta' l-10 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-ligijiet ta' l-Istati Membri relatati mal-prinċipju ta' paga ugwali għall-irġiel u n-nisa [4] u fid-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE tad-9 ta' Frar 1976 dwar l-implementazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għal irġiel u nisa fir-rigward ta' aċċess għall-impjieg, formazzjoni professjonali u promozzjoni u kondizzjonijiet tax-xogħol [5];

(9) Billi d-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE ta' 19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkuraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa fil-post tax-xogħol għall-ħaddiema inċinti u ħaddiema li welldu riċentement jew qegħdin ireddgħu [6] ukoll tikkontribwixxi għall-implementazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa; billi dik id-Direttiva m'għandhiex tkun għad-detriment tad-Direttivi imsemmija qabel dwar it-trattament ugwali; billi, għallhekk, ħaddiema nisa koperti b'dik id-Direttiva għandhom bl-istess mod jibbenefikaw mill-adattament tar-regoli fuq il-piż tal-prova;

---

[1] ĠU C 332, tas-7.11.1996, p. 11 u ĠU C 185, tat-18.6.1997, p. 21.
[2] ĠU C 133, tat-28.4.1997, p. 34.
[3] L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta'April 1997 (ĠU C 132, tat-28.4.1997, p. 215), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' 24 ta' Lulju 1997 (ĠU C 307, tat-8.10.1997, p. 6) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Novembru 1997 (ĠU C 358, ta' l-24.11.1997).
[4] ĠU L 45, tad-19.2.1975, p. 19.
[5] ĠU L 39, ta' l-14.2.1976, p. 40.
[6] ĠU L 348, tat-28.11.1992, p. 1.

(10) Billi d-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-ftehim qafas dwar *leave* tal-ġenituri konkluż mill-UKIIEE, ĊEIPP u l-KETU [1], huwa wkoll ibbażat fuq il-prinċipju tat-trattament ugwali għal irgiel u nisa;

(11) Billi ir-referenzi għall-"proċess ġudizzjarju" u "qorti" jkopru mekkaniżmi li permezz tagħhom jistgħu jiġu sottomessi kwistjonijiet għall-kontroll u d-deċiżjoni lill-korpi indipendenti li jistgħu jgħaddu deċiżjonijiet li jorbtu fuq il-partijiet għal dawk id-disputazzjonijiet;

(12) Billi l-espressjoni "proċeduri barra mill-qorti" tfisser b'mod partikolari proċeduri bħall-konċiljazzjoni u l-medjazzjoni;

(13) Billi l-apprezzament tal-fatti li minnhom jista' jiġi presunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta huwa kwistjoni għal korpi nazzjonali kompetenti ġudizzjarja jew oħrajn, skond il-liġi jew il-prattika nazzjonali;

(14) Billi huma l-Istati Membri li għandhom jintroduċu, f'kull stadju appoprjat tal-proċeduri, regoli ta' prova li huma aktar favorevoli għall-atturi;

(15) Billi huwa neċessarju li tittieħed konsiderazzjoni tal-fatturi speċifiċi ta' ċerti sistemi legali ta' l-Istati Membri, *interalia* meta titfassal inferenza ta' diskriminazzjoni jekk il-konvenut jonqos milli jipproduċi prova li tissodisfa l-qorti jew l-awtorità kompetenti oħra li ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali;

(16) Billi l-Istati Membri m'għandhomx japplikaw il-piż tal-prova għall-proċeduri fejn hija l-qorti jew korp kompetenti ieħor li għandhom jinvestigaw il-fatti tal-każ; billi l-proċeduri hekk imsemmija huma dawk fejn l-attur mhuwiex meħtieġ jipprova l-fatti, li l-qorti jew il-korp kompetenti għandhom jinvestigaw;

(17) Billi l-atturi jistgħu jiġu mċaħħda minn kull mezz effettiv biex jidħol fis-seħħ il-prinċipju tat-trattament ugwali quddiem il-qrati nazzjonali jekk l-effetti ta' l-introduzzjoni ta' prova ta' diskriminazzjoni apparenti kienu li ma jiġix impost fuq il-konvenut il-piż tal-prova li l-prattika tiegħu mhijiex infatti diskriminatorja;

(18) Billi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għalhekk sostniet li r-regoli dwar il-piż tal-prova għandhom jiġu addattati meta jkun hemm każ *primafacie* ta' diskriminazzjoni u li, biex il-prinċipju tat-trattament ugwali jiġi applikat effettivament, il-piż tal-prova għandu jmur lura għall-konvenut meta tinġieb evidenza ta' din id-diskriminazzjoni;

(19) Billi huwa iktar diffiċli li wieħed jipprova d-diskriminazzjoni meta tkun indiretta; billi huwa għalhekk importanti li tiġi definita diskriminazzjoni indiretta;

(20) Billi il-mira li r-regoli fuq il-piż tal-prova jiġu adegwatament addattati ma ntlaħqitx b'mod sodisfaċenti fl-Istati Membri kollha u, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà dikjarat fl-Artikolu 3b tat-Trattat u skond dak tal-proporzjonalità, dik il-mira għanda tintlaħaq fil-livell Komunitarju; billi din id-Direttiva tillimita ruħha għall-azzjoni minima meħtieġa u ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju għal dak l-iskop,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Iskop

L-iskop ta' din id-Direttiva għandu jkun biex jiġi assigurat li l-miżuri meħuda mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali jsiru aktar effettivi, sabiex il-persuni kollha li jikkunsidraw lilhom infushom trattati ħażin minħabba li l-prinċipju tat-trattament ugwali ma ġiex applikat għalihom ikun jista' jkollhom id-drittijiet tagħhom iddikjarati mill-proċess ġudizzjarju wara rikors possibbli għal korpi kompetenti oħrajn.

L-Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttivà, il-prinċipju ta' trattament ugwali għandu jfisser li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni affattu bbażata fuq sess, kemm direttament jew indirettament.

2. Għall-iskopijiet tal-prinċipju tat-trattament ugwali imsemmi fil-paragrafu 1, diskriminazzjoni indiretta għandha teżisti meta disposizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali jiżvantaġġaw proporzjon sostanzjalment ogħla tal-membri ta' sess wieħed ħlief jekk dik id-disposizzjoni, kriterju jew prattika hija approprjata u neċessarja u tista tiġi ġustifikata minn fatturi oġġettivi li mhumiex relatati mas-sess.

L-Artikolu 3

L-Iskop

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal:

(a) sitwazzjonijiet koperti mill-Artikolu 119 tat-Trattat u mid-Direttivi 75/117/KEE, 76/207/KEE u, safejn hija kkonċernata d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, 92/85/KEE u 96/34/KE;

[1] ĠU L 145, tad-19.6.1996, p. 4.

(b) kull proċedura ċivili jew amministrattiva li tikkonċerna s-settur pubbliku jew privati li jipprovdi għal mezz ta' korrezzjoni taħt il-liġi nazzjonali skond il-miżuri msemmija f'(a) bl-eċċezzjoni ta' proċeduri barra mill qorti ta' natura volontarja jew li jkun hemm ipprovdut għalihom fil-liġi nazzjonali.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal proċeduri kriminali, ħlief jekk provdut xort'oħra mill-Istati Membri.

L-Artikolu 4

Il-piż tal-prova

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu dawk il-miżuri li huma neċessarji, skond is-sistemi nazzjonali ġudizzjarji tagħhom, biex jiżguraw li, meta persuni li jikkunsidraw ruħhom ittrattati ħażin minħabba li l-prinċipju tat-trattament ugwali ma ġiex applikat lilhom jistabilixxu, quddiem qorti jew awtorità kompetenti, fatti li minnhom jista' jiġi presunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta, għandu jkun il-konvenut li jipprova li ma kien hemm ebda ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

2. Id-Direttiva m'għandhiex iżżomm lill-Istati Membri milli jintroduċu regoli ta' prova li huma aktar favorevoli għall-atturi.

3. L-Istati Membri m'għandhomx japplikaw il-paragrafu 1 għall-proċeduri meta hija il-qorti jew il-korp kompetenti li għandhom jinvestigaw il-fatti tal-każ.

L-Artikolu 5

Informazzjoni

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-mizuri meħuda skond din id-Direttiva, flimkien mad-disposizzjonijiet digà fis-seħħ, jingħiebu għall-attenzjoni tal-persuni kollha kkonċernati permezz tal-proċeduri approprjati kollha.

L-Artikolu 6

Non-rigressjoni

L-implementazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandha taħt l-ebda ċirkustanza tkun ta' bażi suffiċjenti għal tnaqqis fil-livell ġenerali ta' protezzjoni tal-ħaddiema fl-oqsma li tapplika għalihom, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jwieġbu għal bidliet fis-sitwazzjoni billi jintroduċu liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi li jvarjaw minn dawk fis-seħħ man-notifika ta' din id-Direttiva, sakemm il-ħtiġiet minimi ta' din id-Direttiva jiġu rispettati.

L-Artikolu 7

L-Implimentazzjoni

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex huma jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' Jannar 2001. Huma għandhom immedjatament jinformaw lill-Kummissjoni bihom.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri huma għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi biex isiru dawn ir-referenzi għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-informazzjoni kollha neċessarja biex il-Kummissjoni tfassal rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 8

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Diċembru 1997.

Għall-Kunsill

Il-President

J.-C. JUNCKER